MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1279/2002

**A & J.P. Limited**

**Vs**

**Flower Land and Nursery Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ipremetta illi huwa proprjetarju tal-hanut Flower Land and Nursery f'St Rita Street, Rabat;

Ipremetta illi permezz ta' skrittura privata tal-25 ta' Settembru, 1997, annessa u mmarkata dokument A l-attur kera il-fond hawn fuq deskritt;

Ipremetta illi l-kirja miftehma hija ghal ghaxar snin li bdew jidekorru mill-1 ta' Jannar, 1997, u ghalhekk baqa' cirka hames snin mill-kirja originali biex tiskadi u b'konsegwenza ta' dan il-gurisdizzjoni ghax-xoljimenti tal-

kirja fuq imsemmija huwa dak kif stipulat fl-Artikolu 755 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ tal-Qrati Superjuri;

Ipremetta illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ LM1703.10c oltre l-imghax legali mill-1 ta’ Mejju, 2002, hlas ta’ disa’ xhur kera u cioe’ tlett pagamenti kera ta’ tlett xhur-il wahda, hlas bil-quddiem ghall-perijodu mill-1 ta’ Mejju, 2002 sal-31 ta’ Jannar, 2003 ghal fond Flower Land and Nursery f’St Rita, Rabat;

Ipremetta illi l-konvenut gie interpellat b’ittra ufficjali tas-17 ta’ Ottubru, 2002, u b’Mandat ta’ Qbid numru 2339/02LM fl-ismijiet “A & J.P. Limited vs Flower Land and Nursery Company Limited” pero’ xorta baqa’ inadempjenti;

Ipremetta illi *ai termini* tal-ligi, galadarba l-konvenuti ma hallsux l-iskadenzi dovuti u baqghu moruzi nonostante li gew interpellati b'ittra bonarja tal-4 ta' ’Settembru, 2002, u b'ittra ufficjali tas-17 ta’ Ottubru, 2002, hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti B u C ghalhekk hemm ksur tal-ftehim lokatizzju bejn il-partijiet u ghaldaqstant l-istess kirja ghandha titqies bhala xolta u l-konvenuti huma ghalhekk obbligati li jivvakaw il-fond *de quo* u jikkonsenjaw ic-cwievet tal-istess lill-attur ai termini tal-ligi u cioe’ tal-Artikolu 1570 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll *ai termini* tal-pattijiet kuntrattwali u cioe’ klawsola 15 tal-istess skrittura ta’ lokazzjoni;

Ipremetta illi ghalkemm gew indebitament interpellati biex ihallsu kif ukoll biex jadempixxu mal-obbligi kuntrattwali dawn xorta baqghu inadempjenti;

Ipremetta illi dan id-debitu huwa cert likwidu u skadut u l-attur jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati;

Ipremetta illi l-konvenuti m’ghandu ebda eccezzjoni valida x’jaghtu ghat-talbiet attrici u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza *ai termini* tal-Arikolu 167 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kap XII tal-

Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa ghas-smigh tal-kawza:

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf seba' mija u tlett liri Maltin u ghaxar centezmi (LM1703.10c) oltre l-imghax legali mill-1 ta' Mejju, 2002, rapprezentanti tlett skadenzi kera mill-1 ta' Mejju, 2002, sal-31 ta' Jannar, 2003, tal-fond Flower Land and Nursery f'St. Rita Street, Rabat u dan *ai termini* tal-iskrittura tal-25 ta' Settembru, 1997;

2. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa moruz fil-hlas ta' tlett skadenzi kera ghall-perijodu bejn l-1 ta' Mejju, 2002 sal-31 ta' Jannar, 2003, ghall-fond Flower Land and Nursery f'St. Rita Street, Rabat minkejja li gie notifikat biex ihallas b'ittra ufficjali tas-17 ta' Ottubru, 2002, u dan *ai termini* ta' klawsola 15 tal-iskrittura tal-25 ta' Settembru 1997 hawn annessa u mmarkata bhala dokument A;

3. tiddikjara illi l-lokazzjoni *de quo* skond skrittura tal-25 ta' Settembru, 1997, ghal fond Flower Land and Nursery f'St. Rita Street, Rabat iffirmati bejn il-partijiet hija xolta *ai termini* tal-Artikolu 1570 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta u *ai termini* tal-kuntratt ta' lokazzjoni;

4. tordna lill-konvenut jivvaka u/jew jizgombra mill-fond *de quo* u jikkonsenja c-cwievet relattivi lill-attur fi zmien qasir u perentorju li tiffissa dan l-Qorti kollox kif fuq intqal u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' Settembru, 2002, tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Ottubru, 2002 u l-Mandat ta' Qbid numru 2339/02LM u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni u hlas ta' kera futur sal-eventwali zgumbrament;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta; ghall-fini tar-raba' talba, tiffissa terminu ta' xahrejn millum meta s-socjeta' konvenuta ghandha tivvaka u tillibera il-fond in kwistjoni favur is-socjeta' attrici.

IMHALLEF

D/REG